**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 49 de Barcelona (Spanja) fit-12 ta' Awwissu 2020 – EL, TP vs Caixabank SA**

**(Kawża C-385/20)**

(2020/C 423/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia nº 49 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* EL, TP

*Konvenut:* Caixabank SA

**Domandi preliminari**

1) L-interpretazzjoni ġurisprudenzjali tal-Artikolu 251, tal-Artikolu 394(3) u tal-Artikolu 411 tal-[Ley de Enjuiciamiento Civil (Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iktar 'il quddiem il-"LEC")] magħmula fid-deċiżjoni tal-1 ta' Ottubru 2019, skont liema l-valur tat-tilwima huwa assimilat għall-interess ekonomiku tat-tilwima u, għaldaqstant, iwassal għal tnaqqis tal-onorarja li l-konsumatur ħallas lill-avukat tiegħu, abbażi ta' somma fissa (EUR 18 000), iddeterminata mil-liġi unikament meta l-valur tat-tilwima ma jkunx jista' jiġi stmat u mhux meta l-imsemmi valur ma huwiex iddeterminat, hija kuntrarja għall-Artikolu 6(1) u għall-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13/KEE] ([1]), sa fejn il-konsumatur ma jistax jerġa' jitqiegħed fis-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi li kien isib ruħu fiha li kieku din il-klawżola ma kinitx teżisti, minkejja d-dikjarazzjoni ġudizzjarja, favur tiegħu, tan-natura inġusta ta' din il-klawżola, u minħabba n-nuqqas ta' tħassir ta' kundizzjoni proċedurali mhux raġonevoli marbuta ma' limitazzjoni tal-ispejjeż, tħassir li jiggarantixxi lill-konsumatur il-mezzi l-iktar xierqa u l-iktar effettivi għall-finijiet tal-eżerċizzju leġittimu tad-drittijiet tiegħu?

2) L-Artikolu 394(3) tal-LEC huwa, bħala tali, kuntrarju għall-Artikolu 6(1) u għall-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13] u jrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju ġudizzjarju tad-drittijiet li l-imsemmija direttiva tagħti lill-konsumaturi, fid-dawl tal-limitazzjoni li dan l-artikolu jimponi fuq il-konsumatur, li għandu jsostni parti mill-ispejjeż rispettivi tiegħu u li ma jistax jerġa' jitqiegħed fis-sitwazzjoni ta' fatt u ta' liġi li kien isib ruħu fiha li kieku din il-klawżola ma kinitx teżisti, minkejja d-dikjarazzjoni ġudizzjarja, favur tiegħu, tan-natura inġusta ta' din il-klawżola, u minħabba n-nuqqas ta' tħassir ta' kundizzjoni proċedurali mhux raġonevoli marbuta ma' limitazzjoni tal-ispejjeż, tħassir li jiggarantixxi lill-konsumatur il-mezzi l-iktar xierqa u l-iktar effettivi għall-finijiet tal-eżerċizzju leġittimu tad-drittijiet tiegħu?

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo (Spanja) fl-14 ta' Awwissu 2020 – CJ vs Tesorería General de la Seguridad Social**

**(Kawża C-389/20)**

(2020/C 423/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Contencioso-Administrativo nº 2 de Vigo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* CJ

*Konvenuta:* Tesorería General de la Seguridad Social